MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

John Muscat
vs
Kap Kmandant tal-Forzi Armati

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod iktar preciz fi jew ghall-habta tad-29 ta’ Jannar 1993, huwa kien sofra ingustizzja meta permezz ta’ l-Avviz Numru 76 li deher fuq il-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta’ Jannar 1993, huwa kien gie mnehhi mill-Forzi Armati b’sehh mis-26 ta’ Settembru 1992, meta fil-fatt huwa ma setghax ikompli jifforma parti mill-Forzi Armati ta’ Malta minhabba ragunijiet medici li kienu gew konfermati minn Bord Mediku li ghalih ir-rikorrent kien gie riferit mill-istess Forzi Armati.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi r-rikorrent kien ilu jifforma parti mill-Forzi Armati ta' Malta mit-23 ta' Lulju 1997. Fit-23 ta' Jannar 1990 huwa kien gie promoss ghall-grad ta' Lieutenant.

Illi fis-sena 1992 ir-rikorrent kien ressaq talba sabiex jirrizenja mill-Forzi Armati minhabba ragunijiet medici.

Illi fil-25 ta' Settembru 1992 ir-rikorrent kien gie sottopost ghal ezami mediku quddiem Medical Board kompost mis-Surgent Kaptan J. Brincat M.D.; Dr. F. Agius M.D.; u R. Galea M.D.

Illi dana l-Bord kien ikkonkluda illi r-rikorrent kien "Unfit for military duties".

Illi minkejja li huwa kien spicca mill-impieg tieghu mal-Forzi Armati minhabba ragunijiet medici, l-avviz numru 76 suriferit ma kien semma' xejn dwar dan izda biss li "il-Logutenent John Muscat gie mnehhi mill-Forzi Armati ta' Malta b'sehh mis-26 ta' Settembru 1992".

Illi l-kliem "imnehhi mis-servizz" jikkonnotaw, ta' l-anqas, nuqqas tar-rikorrent milli jilhaq "minimum standards" jew xi implimentazzjoni ta' xi mizura dixxiplinari, u zgur mhux terminazzjoni ta' mpieg minhabba ragunijiet medici kif kien effettivament il-kaz.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-impjieg lura u kumpens talli ma thallix ikompli jahdem mal-Forzi Armati, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa qal is-segwenti:

Illi jirrizulta li r-rikorrent kien deher quddiem Bord Mediku u gie ccertifikat **Unfit for Military Duties and likely to remain so permanently,** fil- 25 ta' Settembru 1992.

Illi l-A.L. 91 tal-1970, sezzjoni 14(3) tghid hekk: "Ufficjal jista jigi mnehhi minhabba mard jekk awtorita` medika approvata ticcertifika li huwa mhux aktar tajjeb ghal servizz militari u li aktarx jibqa hekk permanentement", u ghaldaqstant ir-rikorrent kien gie mnehhi mill-Forzi Armati abbazi ta' l-istess regolament.

Illi l-kliem uzat fl-avviz nru.76 tal-Gazzetta tal-Gvern nru. 15,710 datata 29 ta' Jannar 1993, "Skond l-Awtorita` moghtija bir-Regolament (14)3 tar-regolamenti ta' l-1970 il-Logutenent J. Muscat gie mnehhi mill-Forzi Armati ta' Malta b'sehh mis-26 ta' Settembru 1992", huwa propju u kif intenzjonat mill-Awtoritajiet ikkoncernati.

Illi bl-ebda mod ma jista' r-rikorrent jinghata rimedju, jekk hemm, billi jinghata lura l-impieg tieghu u kumpens talli ma thalliex ikompli jahdem mal-Kalaxlokk, meta r-rikorrent kien ikkummissjonat fil-Forzi Armati ta' Malta u ma l-ebda entita' ohra.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit u semma li gie accettat fl-Armata bhala "Cadet" f'Lulju 1987. Kien gie mibghut ghal korsijiet dwar l-artillerija fi skola militari f'Sabaudia, l-Italja, u iehor ghal fizzjali tal-fanterija f' Fort Benning, Georgia, l-Istati Uniti. Semma li fil-Forzi Armati dejjem serva fl-"Air Defence Battery" li hija *sub-unit* li ghandha x'taqsam mad-difiza kontra attakki mill-ajru u kien jokkupa l-pozizzjoni ta' Luogotenet fl-Armata. Semma li fl-1991, kien applika biex jirrizenja minn mal-Forzi Armati peress li missieru kien ghamillu pressjoni kbira biex jidhol floku fin-negozju ta' importazzjoni u ta' wholesale li kellu, minhabba li missieru kien ser jirtira. Ir-rikorrent kien talab sabiex jirrizenja mill-Armata b'effett mill-1 ta' Novembru 1991 jigifieri madwar sena u xahar minn meta rritorna mill-ahhar kors li attenda.

Meta r-rikorrent kien kellem lill-Kurunell Montanaro dak iz-zmien, illum Kap Kmandant tal-Forzi Armati dwar ir-rizenja tieghu, kien qallu li r-rizenja tieghu kienet ser titmexxa peress li r-ragunijiet kienu ta' natura partikolari. Kien spjegalu wkoll li fl-Estacode kien hemm stipulat li impjegati mal-Gvern ridu jaghmlu sena servizz ghal kull tlett xhur li jkunu qattghu fuq kors specjalizzat. L-ahhar kors li ghamel ir-rikorrent kien biss ta' erba' xhur, u ghalhekk l-impressjoni tieghu kienet li s-sena u xahar li kien ser ikun serva saz-zmien tar-rizenja kienu ser ikunu bizzejjed. Ir-rikorrent qal li l-ahhar kors li kien attenda ma kienx kors li kien qed iservih ghal xoghlu peress illi hu dejjem baqa' stazzjonat fl-Air Defense Battery. Qal li hu qatt ma ffirma xi dokument fejn qabel li jattendi ghal kors bil-kundizzjoni li jkun marbut ghal xi zmien meta jigi lura. Qal li r-rizenja ma hadiex u baqa' minghajr twegiba u kull meta staqsa x'kien qed jigri dejjem qalulu li kienu qieghdin jinbaghtu *reminders* lill-Ufficju tal-Prim Ministru biex tigi awtorizzata r-rizenja tieghu.

F'Dicembru 1991 gie nfurmat li t-talba tieghu ma gietx milqugha mill-Ufficju tal-Prim Ministru u li l-kaz tieghu kellu jigi rivedut f'Settembru 1992. Ir-rikorrent kien kellem lill-Kurunell Montanaro fuq il-possibilita` li jhallas ammont ta'

flus li jkopri z-zmien li kien fadal xi jservi izda din ma gietx accettata.  Qal li beda jhoss li qed imur ix-xoghol kontra qalbu u bdew jaqbduh hafna dwejjaq.  Din is-sitwazzjoni bdiet taffettwalu b'mod negattiv il-hajja personali tieghu minhabba li bid-dwejjaq li beda jhoss beda jara kollox minn perspettiva negattiva.  Beda wkoll ihossu batut fizikament u minghajr energija u ghalhekk mar ikellem it-Tabib tal-Armata u spjegalu s-sitwazzjoni tieghu.  It-Tabib qallu li kellu bzonn l-ghajnuna ta' psikjatra u f'Mejju 1992 hu mar ghand il-Professur Mangion.

Il-Professur Mangion qallu li biex jirkupra kellu johrog bis-sick leave u t-tabib tal-Armata kien approvahulu s-sick leave.  Semma li c-certifikati kollha li kien jirrilaxxja matul il-visti kienu gew mghoddijja lill-Armata.

Ir-rikorrent qal li f'Settembru 1992 kien deher quddiem il-Bord Mediku tal-Armata li kien ikkonkluda li kien unfit minhabba ragunijet medici.  Fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Settembru 1992 kien gie publikat avviz numru 76 fejn gie dikjarat li r-rikorrent kien gie "imnehhi mill-Forzi Armati ta' Malta b'sehh mis-26 ta' Settembru 1992".  Hu hass li kienet ingusta fil-konfront tieghu minhabba li hu kien irtirat mhux imnehhi u dan mill-Bord Mediku ta' l-Armata stess.  Ir-rikorrent hass ukoll li kien diskriminat meta ma nghatax permess ihallas ghaz-zmien li kien baqghalu x'jaghmel fis-servizz meta warajh kien hemm fizzjali ohra li gew permessi jhallsu.  Semma wkoll li kien hemm fizzjali ohra li hargu mill-Armata ghaliex kienu ma jifilhux u dawk gew "irtirati" u mhux "imnehhija".

Ir-rikorrent semma li l-Avviz tal-Gvern tad-29 ta' Jannar 1993 ghamillu isem hazin u baqa' ittikktjat minhabba fih u dak kien ta' detriment ghalih peress li r-rikorrent jahdem bhala self employed.

Qal li d-decizjoni biex gie mnehhi ma ttehditx minn xi hadd fi hdan l-Armata izda minn individwi li ma ghandhomx x'jaqsmu mal-Armata.  Ir-rikorrent ippretenda li l-avviz jigi mibdul u jhoss li ghandu jinghat kumpens.  Semma li l-fizzjali li kienu telqu mill-Armata fuq ragunijiet medici kienu

Major C. L. Busuttil u Major A. E. Abela u dawn gew imnizzlin bhala irtirati.

Xehed il-Brigadier Rupert C Montanaro li semma li r-rikorrent kien talab normal resignation mill-Armata permezz ta' ittra tal-25 ta' Lulju 1991 liema talba ma gietx milqugha. L-istess talba setghet tigi reviewed f'Settembru 1992 jigifieri meta Muscat kien ikun ghamel sentejn servizz mid-data li kien spicca l-course barra minn Malta. Qal li biex fizzjal jispicca mill-Armata it-talba trid tghaddi mill-Armata, mill-Prim Ministru u mill-President. Qal li ma deherlux li l-OPM kien konsultat, pero` meta saret l-ahhar ittra tas-16 ta' Dicembru 1991 kienet saret konsultazzjoni. Semma li r-rikorrent kien ghamel kors fl-artillerija fl-Italja li dam xi 4, 5 xhur u iehor l-Amerka li dam 4 xhur. Qal li d-decizjoni li r-rikorrent idum sentejn hija minhabba l-fatt li bniedem ghandu jdum sentejn wara li jispicca l-kors.
Qal li kienu rcevew ittra bid-data tas-6 ta' April 1992 fejn fiha r-rikorrent talab illi jithalla jirrizenja b'effett mill-1 ta' Mejju 1992 u li ma joqghodx jistenna sa Settembru 1992. Kompla jghid li meta r-rikorrent induna li dik it-talba ma kenitx se tigi milqugha, fil-11 ta' Mejju 1992 beda jirraporta fuq sick leave. Semma li bejn il-11 ta' Mejju 1992 u l-24 ta' Settembru 1992 ir-rikorrent qatt m'attenda ghax-xoghol u baqa' sick at home.

In vista tal-kaz tar-rikorrent kien gie sottomess il-Bord Mediku ta' l-Armata u gie dikjarat li r-rikorrent kien unfit for military duties and likely to remain so permanenetly. Ghalhekk kienu ressqu l-kaz lill-ufficju tal-Prim Ministru sabiex jigi dikjarat li r-rikorrent kien qed jigi rtirat mill-Armata minhabba ragunijiet medici. Semma li r-risposta mill-Ufficju tal-Prim Ministru kienet li r-rikorrent kellu jigi mnehhi "removed" mill-Armata pero` mhux minhabba r-ragunijiet medici u dan billi l-Ufficju tal-Prim Ministru kellu s-suspetti fuq is-sick leave li ha r-rikorrent. Ghalhekk ir-rikorrent gie mnehhi mil-Armata b'effett mis-26 ta' Settembru 1992 skond kif deher f'avviz fil-Gazzeta tal-Gvern tad-29 ta' Jannar 1993. Din it-tnehhija ma kellha ebda effett finanzjarjament fuq ir-rikorrent u ma tilef ebda beneficcju li ghalih seta' kien intitolat.

**KONKLUZJONIJIET:**
Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" deciza fl-10 ta' Mejju, 1999, it-Tribunal qal:

"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

"6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.
F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza

indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-Att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

Bazikament l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq terminazzjoni ta' impieg. Issa terminazzjoni ta' impieg ma tissemma f'ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (d). "Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-

ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.
Ta’ min izid li l-artikolu 28 tal-Kap 266 l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali jghid:

“Minkejja kull ma jinsab f’kull ligi ohra, t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi , u r-rimedju ta’ haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-drittijiet tieghu li ma jitkecciex b’mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort’ohra:”

Il-lokuzzjoni wzata hija cara li t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta. Hemm kazijiet li jaqghu taht l-Qorti Civili [skond in-natura tal-kuntratt] u anke quddiem il-Kummissjoni ta’ l-Impiegi taht il-Kostituzzjoni jekk ikun jahdem f’azjenda Governattiva jew kwazi-governattiva.

Ghalhekk, salv kif ser jinghad aktar l-isfel f’dan il-paragrafu, terminazzjoni ta’ impieg mhux ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal. Ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta’ Frar, 1999. L-uniku kaz fejn dan ma japplikax huwa fil-kaz tal-“constructive dismissal” dejjem bazat fuq ingustizzja kif imsemmi fl-artikolu 6 (1). Ara “Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited et” deciz in parte fil-15 ta’ Dicembru, 1997, u f’ “Patrick Dato Mallia vs Malta Development Corporation” deciz ukoll in parte fil-11 ta’ Marzu, 1998…

L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta’ Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta’ Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta’ allowances mhux konnessi ma’ xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta’ Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta’ Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances”, fil-kaz ta’ George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta’ Malta deciz fit-28 ta’ Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta’

medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga."

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati deciza mit-Tribunal fl-24 ta' Gunju, 1999 it-Tribunal qal:

"Issa fil-kaz in ezami in-nuqqas ta' kompetenza tohrog ukoll minn dak li jghid l-artikolu 5 (3) (a):

"Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att." F'dan l-iskeda insibu imnizzel "Il-Forzi Armati ta' Malta hlief skond dak li hemm provdut fit-Taqsima B ta' din l-Iskeda". Fit-Taqsima B insibu elenkat: "Il-Forzi Armati ta' Malta ghar-rigward biss ta' hatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, salarji u drittijiet ta' pensjoni ta' l-ufficjali u suldati f'dik il-Forza Armata".

Ghalhekk huwa ovvju li t-talba tar-rikorrent tesorbita mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat…"

Il-bazi kollu tal-ilment tar-rikorrent odjern huwa kollu dwar il-mod kif spicca minn mal-Forzi Armati. Dan possibbilment jista' joggezzjona ghalih f'post iehor izda l-kompetenza tat-Tribunal hija cirkoskritta kif isemmi l-artikolu 6 (1) tal-Kap 394 u dan it-Tribunal ma jistax dwar kaz li jezorbita ***ratione materiae*** jaghti poteri lilu nnifsu li fil-fatt ma ghandux. Hi taht liema terminologija hi u cioe' ***removed, imnehhi, jew irtirat*** dawn ma humiex ta' kompetenza tat-Tribunal. Ghal dawn il-motivi jichad it-talba tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

---------------------------------TMIEM---------------------------------